# M I N U T I

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 41**

10 ta' Jannar 2018

Il-Kunsill Lokali Floriana ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Furjana, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH ) | Sindku |
| Is-Sur Vince Borg | ( VB ) | V/Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Grech Sant | (AGS) | Kunsillier |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Kunsillier |

SKUŻATI:-

0

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

M' Lourdes Lautier Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku Davina Sammut Hili presediet il-laqgħa.

Is-Sindku Davina Sammut Hili fetħet il-laqgħa billi ferħet lill-Arċipriet Dun Richard Borg li kien għadu kif laħaq Monsinjur Onorarju tal-Konkatidral. Hija kompliet billi talbet lill-uffiċċju sabiex tintbagħat ittra ta' ringrazzjament għall-ħidma tiegħu kif ukoll ta' awguri għall-ħatra il-ġdida.

**41.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI;**

41.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**41.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

41.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tal-erbgħin (40) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

41.2.2. Il-Viċi Sindku VB ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier AD favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (VB, AD, DSH, JAE, AGS)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

41.2.3. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita' li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

41.2.4. Il-Kunsillier JAE ressaq korrezzjoni tal-minuti tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita li għandha taqra "Bħala uffiċjal inkarigat mill-Attivitajiet (flimkien mas-Sindku) u Midja u Pubblikazzjonijiet".

41.2.5. Il-Kunsillier JAE ressaq korrezzjoni tal-minuti tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita li għandha taqra "ressaq mozzjoni".

41.2.6. Il- Kunsillier AD ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier JAE favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (VB, AD, DSH, JAE, AGS)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

41.2.7. Il-Viċi Sindku VB għamel riferenza għall-materja nru 40.10.5 u hu qal li ma jaqbilx li l-Kunsill jilqa' din it-talba għal parkeġġ riservat. Is-SE qalet li fl-aħħar laqgħa kien ġie deċiż li tissejjaħ laqgħa mal-Foreign Office. Hija qalet li s-Sur Vella Fondé kien ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għal-linji gwida. Il-Kunsill qabel li għandu jinformah li skont l-istess linji gwida, din it-talba ma kienitx eliġibbli għal parkeġġ riservat. Is-Sindku DSH proponiet li f'każ li l-materja ma tiġix riżolta allura għandha tissejjah laqgħa mal-Ministru Carmelo Abela.

41.2.8. Il-Viċi Sindku VB għamel riferenza għall-materja 40.14.2 u staqsa jekk kienitx intbagħtet korrispondenza lill-Kummissjoni Elettorali. Is-Sindku DSH qalet li għalissa kienet għadha ma ntbagħtet l-ebda korrispondenza minħabba li kienet qed tistenna li jkun hemm id-dokumenti kollha neċessarji rigward il-funtana tat-Tritoni.

41.2.8.1. Is-Sindku qalet li kien irnexxilha tottjeni mapep antiki kif ukoll irrevediet minuti ta' leġislaturi differenti tal-Kunsill. Hija informat li fl-leġislatura oħra kienet saret it-talba sabiex din il-funtana taqa' taħt il-konfini tal-Floriana iżda kienu baqgħu bla tweġiba. Hija qalet ukoll li fl-1998 kienet saret reviżjoni tal-konfini iżda lanqas dakinhar ma kienet saret talba fuq il-funtana.

41.2.8.2. Is-Sindku qalet li matul ir-riċerka tagħha, ġie nnotat li Spencer Hill kienet tagħmel mal-Floriana iżda maż-żmien din ġiet ċeduta lil-lokalita tal-Marsa. Hija qalet li kien ġie determinat li anke l-parti ta' fejn hemm ir-ristorant Boathouse fil-Pietà kienet fil-konfini tal-Floriana iżda ntilfet maż-żmien.

41.2.8.3. Il-Kunsillier AGS qal li l-Foss ta' San Ġakbu ukoll kien jissemma li kien fil-konfini tal-Floriana u hu jemmen li l-konfini tal-Belt Valletta huma mil-bieb tal-Belt 'il ġewwa. Is-Sindku DSH preżentat xi mapep u spjegat kif il-konfini tal-Belt mill-1994 kienu jibdew minn qabel Bieb-il Belt.

41.2.8.4. Il-Kunsillier AGS preżenta xi mapep li kienu juru konfini mod ieħor. Għalhekk is-Sindku DSH talbet li dawn il-mapep jiġu ċċirkulati sabiex ikunu jistgħu jintużaw biex isaħħu l-argument tal-Kunsill.

41.2.8.5. Il-Kunsillier JAE qal li jemmen li din iż-żona, qabel sar ix-xogħol neċessarju, kienet żdingata u għalhekk jaf li l-ebda kunsill ma xtaq il-piż tagħha. Kien hemm żmien fil-fatt li kienet titqies bħala *no man's land*.

41.2.8.6. Is-Sindku DSH qalet li jidher li l-funtana ilha tal-anqas ħamsa u għoxrin sena li ma taqax taħt il-konfini tal-Floriana.

41.2.8.7. Is-Sindku DSH qalet li l-eks Sindku Nigel Holland kien kiteb lill-Kummissjoni Elettorali sabiex jirrevedi l-konfini.

41.2.8.8. Is-Sindku DSH qalet li tinsab ċerta li lkoll jaqblu li dan il-kunsill huwa kommess sabiex jagħti lura lir-residenti tiegħu dak il-patrimonju lokali li storikament kien jaqa' fil-konfini tal-lokalita.

41.2.8.9. Il-Kunsillier AD għamel riferenza għal-mapep tal-Enemalta u qal li dawn juru li din iż-żona kienet taqa' mal-lokalita tal-Floriana. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jikteb lill-Enemalta sabiex jipprovdu l-mappa tal-konfini tagħhom.

41.2.8.10. Is-Sindku, il-Kunsillier JAE u s-SE talbu li jagħmlu riċerka fl-Arkivji Nazzjonali dwar il-kompetizzjoni, it-tender li kien ħareġ u l-pjanta ta' meta saret din il-funtana oriġinarjament.

41.2.8.11. Is-Sindku DSH insistiet li l-Kunsill jipprova jottjeni kemm jista' jkun evidenza u informazzjoni sabiex ikollu każ b'saħħtu.

41.2.9. Is-Sindku DSH talbet lill-Kunsillier JAE sabiex jitkellem mal-HSBC biex tiġi rranġata t-tabella tal-lokalita li hemm fi Triq Ġlormu Cassar.

41.2.10. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għat-tabella li qegħdin nitolbu biex titwaħħal maġenb il-Grand Hotel Excelsior u qal li din kien hemm bżonn li terġa' ssir mil-ġdid minħabba li kienet tkissret.

41.2.11. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għal materja nru 40.2.8.5 u staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva risposta dwar it-talba għal-laqgħat mal-Pulizija. Is-Sindku DSH informat li għandhom jingħataw data għal laqgħa fi żmien qasir.

41.2.12. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għal materja nru 40.2.9 u talab li tintbagħat tfakkira lill-President ta' Malta dwar il-Forum Riġenerazzjoni tal-Floriana. Is-Sindku DSH qalet li kienet bagħtet tfakkira.

41.2.13. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għal materja nru 40.5.4 u staqsa jekk kienx hemm xi risposta rigward *stop sign* tat-Telgħa tal-Kurċifiss. Is-Sindku DSH wieġbet li Transport Malta kienu wieġbu u nformaw li kien qed isir *traffic management survey* taż-żona.

41.2.13.1. Il-Kunsillier AGS ippropona li l-Kunsill jissuġġerixxi li ssir *flat roundabout* sabiex tissolva l-problema. Il-Kunsill qabel li għandu jmur fuq il-post sabiex jara x'jista' jsir eżatt.

41.2.14. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għal materja nru 40.8 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward din il-materja. Is-Sindku DSH qalet li hi kienet tkellmet mas-Surmast tal-iSkola Primarja li kien ikkonferma li huma dejjem jikkomunikaw mal-Pulizija rigward l-arranġamenti tat-traffiku matul il-ħinijiet tal-iskola.

41.2.14.1. Hija qalet ukoll li hu kien ikkonferma li ħadd mil-ġenituri ma kien ilmenta minn din is-sitwazzjoni. Is-Sindku qalet li għalhekk, kienet talbitu jiġbed l-attenzjoni tal-Pulizija sabiex tiġi rranġata s-sitwazzjoni.

41.2.14.2. Il-Kunsillier JAE qal li hu kien mar l-Għassa tal-Floriana u kien talab informazzjoni lil PC173 u PC391. Huwa qal li dawn il-membri tal-Pulizija kienu nformaw li ta' sikwit isibuha diffiċli jikkontrollaw is-sitwazzjoni minħabba li wħud mil-ġenituri kienu bla sabar. Huwa qal ukoll li nformawh li qatt ma jkollhom vettura uffiċjali magħhom meta jkunu għassa ma' Triq San Tumas fil-ħinijiet tal-iskola u għalhekk jagħlqu t-triq minn fuq, permezz ta' vettura ta' ġenitur minnhom.

41.2.14.3. Il-Viċi Sindku VB staqsa għalfejn m'hijiex tintuża l-bollard ladarba l-Kunsill kien ħa ħsieb jipprovdi waħda għas-sigurtà tat-tfal.

41.2.14.4. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk il-Kunsill jistax iservi ta' medjatur bejn il-Pulizija u l-Iskola Primarja biex il-bollard titħalla fl-entratura tal-iskola sabiex tkun faċilment aċċessibbli. Is-Sindku DSH qalet li l-ilmenti għandhom jgħaddu direttament lis-Surmast u mhux lill-Kunsill u dan minħabba li l-Kunsill m'huwiex l-entita li tinforza l-ordni pubblika.

41.2.15. Is-Sindku DSH informat li t-test fuq it-tabella li hemm fi Triq San Tumas kien inbidel hekk kif deċiż fl-aħħar laqgħa.

41.2.16. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għal materja nru 40.15.5 rigward is-serata tal-Premjijiet tal-Kunsill. Huwa qal li l-Kunsill għandu jibda jaħdem fuq Qalb Furjaniża, Qalb Ħanina u ppropona li din tiġi inkluża f'Jum il-Floriana ladarba ma saritx fl-Istrina. Il-Kunsillier JAE issuġġerixxa li d-donazzjonijiet miġbura mill-attivitajiet jiġu marbuta ma' St Patrick's Day. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 41.3 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU

41.3.1. Is-SE fakkret lill-Kunsilliera sabiex tingħata risposta dwar it-tabelli tal-Heritage Trail sabiex tkun tista' tipproċedi. Il-Kunsill qabel li r-risposta finali għandha tasal sal-aħħar tal-ġimgħa.

41.3.2. Is-SE għamlet riferenza għall-polza tal-assikurazzjoni tas-saħħa u staqsiet lill-Kunsilliera min għandu bżonnha. Il-Kunsill qabel li jġedded il-polza tal-assikurazzjoni għall-membri tal-istaff tiegħu kif ukoll għall-Viċi Sindku VB u l-Kunsillieri AD u JAE.

41.3.3. Is-Sindku DSH semmiet li l-Kunsill kien ser jiċċelebra l-Festa Liturġika ta' San Publju nhar id-19 ta' Jannar 2018 fid-Dar tal-Kunsill. Is-Sindku proponiet li tingħata tifkira lill-Arċipriet bħala awguri għall-kariga-l ġdida tiegħu bħala Monsinjur. Il-Kunsill qabel.

## 41.4 RAPPORTI

41.4.1. Is-SE ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-rapport annwali tal-ġemellaġġi li saru matul l-2017. Il-Kunsill approva dan ir-rapport b'mod unanimu.

41.4.2. Il-Viċi Sindku VB ressaq rapport dwar il-laqgħa li nżammet fir-Reġjun Xlokk fejn ġie mħabbar li ammont ta' fondi ser jiġu allokati lil sebgħa kunsilli lokali li kienu attendew għal-laqgħa fejn kull

kunsill ser jippreżenta proġett u jingħata l-fondi lura fuq l-ispiża li tkun intefqet jew qed tiġi proposta.

**<u>Nota: 17:48 Is-Sindku DSH talbet li tkun skużata.</u>**
**<u>17:52 Is-Sindku DSH irritornat lura għal-laqgħa.</u>**

41.4.3. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li japplika għal dawn il-fondi bħala kontinwazzjoni tal-proġett ta' *road resurfacing* li kien sar mad-dawra tal-inħawi tal-Istitut Kattoliku billi jipproponi *road resurfacing* fi Triq John Lopez parallel ma' Development House, hekk kif il-Kunsill kien diġà talab stima għal dan ix-xogħol li jammonta għal €6589,84.

## 41.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

41.5.1. Il-Kunsillier AGS għamel riferenza għall-iskema ta' parkeġġ u staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi. Is-Sindku DSH qalet li l-Ministru Ian Borg kien informa li l-iskemi ta' parkeġġ kienu magħluqin u li kienu qed jevalwaw x'jista' jsir minn dawn l-iskemi.

41.5.2. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għal Triq Sant'Anna u staqsa jekk il-Kunsill jistax iżid iktar pressjoni fuq ir-responsabbilta ta' ċertu bnadi f'din it-triq. Huwa għamel riferenza għall-ħadida li nqalgħet minn ħdejn is-subway ta' quddiem ir-ROCS u li minnha qed joħorġu l-ġrieden. Is-Sindku DSH qalet li l-ilment kien diġà ġie mgħoddi lill-entita responsabbli. Hija qalet li għandha terġa' tkellem lid-Direttur tal-Cleansing Department.

41.5.3. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-katusa li hemm fi Pjazza ES Tonna u li kienet qed toħloq sitwazzjoni ta' periklu. Huwa qal li kienet diġà ntbagħtet korrispondenza lill-Pulizija kemm minn naħa tiegħu kif ukoll min-naħa tal-Kunsill iżda ma kien għadu sar xejn biex din is-sitwazzjoni tiġi rranġata. Is-Sindku DSH qalet li tali problema tieħu l-ħin minħabba li l-ewwel ikun irid jiġi determinat ta' min hi r-responsabbilta' ta' din il-katusa. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa jibgħat tfakkira.

## 41.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati;

41.6.1. Ma kienx hemm rapporti.

## 41.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

41.7.1. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 35/07 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

41.7.1.1. Il-Kunsillier JAE informa li hu kien ser jastjeni minn pagament nru 19 pagabbli lil Media. Link Communications.

41.7.1.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku VB u ssekondata mill-Kunsillier AD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti imsemmija u l-proposti t'hawn fuq, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 41.8 Mozzjonijiet;

41.8.1. Ma kienx hemm mozzjonijiet.

**41.9 OFFERTI PUBBLIĊI;**

41.9.1. Is-SE informat lill-Kunsill bil-BOQ li ġiet preżentata mir-Road Servicing għal road surfacing ta' parti minn Triq John Lopez. Hija kkonfermat li kien ser isir ukoll scarifying u li l-ispiża kienet ser tammonta għal madwar €6589,84. Il-Kunsill qabel li għandu l-ewwel jivverifika mar-Reġjun Xlokk jekk il-Kunsill setax japplika għall-fondi biex jitwettaq dan ix-xogħol u fl-affermattiv allura kellu jsegwi bix-xogħol f'din it-triq, Triq John Lopez minn kantuniera ta' wara tal-Istitut Kattoliku sa Triq Sant'Anna.

41.9.2. Is-SE informat lill-Kunsill b'laqgħa li kienet inżammet mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn kienu nformaw li ġew mibdula r-regolamenti dwar l-offerti pubbliċi u kif ukoll li nbidlu t-*thresholds* finanzjarji għad-*direct orders* . Is-SE qalet ukoll li kien hemm xi tibdiliet fil-mod kif għandu jinħatar bord tal-evalwazzjoni kif ukoll min jistgħu ikunu l-membri. Il-Kunsill qabel li għandu jiċċara din il-materja mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali u jikkonferma jekk jistax jinħatar l-Avukat tal-Kunsill stess fuq il-bord.

**41.10 KORRISPONDENZA**

**41.10.1 KORRISPONDENZA MINGĦAND TREVOR ZAHRA**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Trevor Zahra fejn informa li kien qed iżomm serati ta' letteratura u offra lill-Kunsill jekk kienx interessat jorganizza waħda minn dawn is-serati fil-lokalita. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju u qabel li għandu jitkellem mas-Sur Zahra sabiex jiġu diskussi d-dettalji.

**41.10.2 TALBA MINGĦAND IS-SUR MICHAEL FARRUGIA**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand is-Sur Michael Farrugia, kowċ ta' skola tal-futbol, fejn talab permess jitħalla jagħmel użu mill-piċċ sintetiku sabiex jorganizza turnament tal-futbol. Il-Kunsill qabel li s-Sur Farrugia għandu jitħalla juża l-piċċ sintetiku mingħajr spejjeż bil-kundizzjoni li jkun responsabbli għall-ftuħ u l-għeluq huwa stess u li l-Kunsill ma jkunx responsabbli għal serq jew f'każ li jweġġa' xi ħadd waqt li jkun qed jintuża taħt id-direzzjoni tas-Sur Farrugia.

**41.10.3 PARKEĠĠ ILLEGALI FI TRIQ VINCENZO DIMECH**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand is-Sinjur Caruana Montaldo li lmenta dwar is-sitwazzjoni ta' parkeġġ illegali fi Triq V. Dimech. Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat dan l-ilment lil Transport Malta ladarba din iż-żona kienet taqa' taħt ir-responsabbilta tagħhom.

**41.10.4 ILMENT RIGWARD SPEEDING FIL-MINA TAL-MCP**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Bernard Grech Sollars li lmenta rigward vetturi li jsuqu b'veloċità eċċessiva fil-mina tal-MCP u talab li jsir xi ħaġa qabel ma jseħħ xi aċċident. Il-Kunsill qabel li għandu jinforma lis-Sur Grech Soler li din il-mina hi r-responsabbilta l-MCP. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jgħaddi dan l-ilment lill-MCP u lil Transport Malta.

**41.10.5 MAPEP TAL-FLORIANA HERITAGE TRAIL**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Luca Cauchi rigward kwotazzjoni għal mapep tal-Floriana Heritage Trail. Huwa qal li wara li kien ra x'dettalji kien hemm bżonn kien qed iressaq proposta sabiex jirrevedi

l-kwotazzjoni oriġinali tiegħu ta' €300 għal €500. Il-Kunsill qabel li għandu jilqa' din il-kwotazzjoni ladarba xorta waħda kienet ħafna orħos minn kwotazzjonijiet oħra li kienu ntalbu.

### 41.10.6 Korrispondenza mingħand il-V18

Is-Sindku DSH ressqet talba mingħand il-V18 sabiex tinxtegħel Triq Sant'Anna mit-12 sat-22 ta' Jannar 2018. Il-Kunsill qabel bil-kundizzjonijiet tas-soltu.

### 41.10.7 Talba mingħand Faye Micallef Grimaud

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand is-Sra Faye Micallef Grimaud fejn talbet permess sabiex tuża d-Dar tal-Kunsill għal live-in's, *workshops* u korsijiet. Il-Kunsill ma qabilx li jilqa' t-talba minħabba li d-Dar tal-Kunsill ma kellix biżżejjed spazju għal dak li qed jiġi propost. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jissuġġerixxi li din it-talba tgħaddi lill-iskola primarja peress li din kienet aktar adattata u lil Dance Malta li jistgħu jakkomodaw it-talba tas-Sra Micallef Grimaud.

### 41.10.8 Korrispondenza mingħand il-Malta Council

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Kunsill Malti għas-Settur Volontarjat fejn talbu l-permess tal-Kunsill sabiex issir laqgħa mal-għaqdiet lokali. Huma nformaw ukoll li kienu ser jibgħatu inviti u l-materjal kollu lill-Kunsill sabiex jitqassam lill-għaqdiet lokali. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

### 41.10.9 Żieda fl-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill

Is-Sindku DSH għamlet riferenza għal artiklu li kwota d-diskors tas-Segretarju Parlamentari Silvio Parnis fejn kien informa li l-allokazzjoni finanzjarja tal-kunsilli kienet ser tiżdied mis-sena 2018.

## 41.11 Quarterly Financial Statements

41.11.1. Is-SE ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-raba'rapport tal-kwart għas-sena 2017.

41.11.2. Il-Viċi Sindku VB ressaq mozzjoni sabiex jiġi approvat ir-rapport tal-kwart, issekondata mill-Kunsillier JAE, bir-riżultat kien wieħed unanimu.

41.11.3. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jitlob laqgħa mal-Onor. Roderick Galdes rigward fondi pendenti mill-Housing Authority.

## 41.12 Estimi Finanzjarji

41.12.1. Is-Sindku DSH ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-Estimi Finanzjarji għas-sena 2018. Il-Kunsill approva dawn l-estimi b'mod unanimu.

## 41.13 Performance Appraisal

41.13.1. Is-Sindku DSH ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-performance appraisals tal-istaff tal-Kunsill.

41.13.2. Wara li rreveda dawn l-appraisals, il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-ħaddiema kollha għandhom jingħataw il-massimu tal-performance bonus.

**41.14 V18**

41.14.1. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għal V18 u qrat korrispondenza mibgħuta minnhom.

41.14.2. Is-Sindku għamlet riferenza għal applikanti li kienu qed jitolbu permess sabiex jarmaw gabbani matul l-attivitajiet tal-V18. Hija qalet li wara li tkellmet ma' rappreżentant tal-V18, kienet ġiet informata sabiex ma jinħarġu l-ebda permessi fil-lokalita.

41.14.3. Is-Sindku qalet ukoll li kienet ġiet informata mill-V18 li ser jestendu t-tindif ukoll sal-Floriana, speċifikament sa ħdejn ic-Chick King fi Triq Sant'Anna.

41.14.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għax-xogħol li kien qed isir fi Ġnien Herbert Ganado u qal li jinsab sodisfatt ħafna bix-xogħol li kien qed isir fuq is-swar. Il-Kunsillier JAE qal li minkejja dan hemm biċċa fin-naħa t'isfel li fiha jsir ħafna abbuż. Is-Sindku DSH qalet li l-Ministru Owen Bonnici kien talab li din il-materja tiġi riferita lill-Ministru responsabbli mil-ġonna. Is-Sindku DSH qalet li l-ġnien kien qed jiġi upgraded mill-MTI u għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jkellem lilhom.

**41.15 IL-KARNIVAL TA' MALTA**

41.15.1. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill bil-laqgħa li nżammet mal-kumitat tal-Karnival il-ġurnata ta' qabel.

41.15.2. Is-Sindku qalet li ġiet diskussa magħhom it-talba għal aktar tindif matul il-ġranet tal-Karnival kif ukoll intalbet żieda għal aktar mobile toilets speċjalment nhar it-Tlieta tal-Karnival.

41.15.3. Is-Sindku żiedet tgħid li l-karrijiet ser jgħaddu minn Triq San Publju u minn Triq San Tumas. Hija qalet li kull karru ser ikollu tim ta' sigurtà miegħu. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob iktar sigurtà għall-madwar.

41.15.4. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-kwistjoni tal-kjoskijiet armati fl-Arena tal-Indipendenza. Hija qalet li dawn il-gabbani kienu ġew rilokati hemmhekk mill-Belt Valletta. Il-Kunsill qabel li għandu jressaq din il-materja quddiem il-kumitat tal-Karnival u lil Transport Malta sabiex jiġi kunsidrat li dawn il-gabbani jiġu rilokati f'post aktar adattat.

41.15.5. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għal talba mingħand applikant li xtaq jarma *Hook a duck* matul il-Karnival. Il-Kunsill qabel li għandu jivverifika jekk jistax jingħata permess u fejn.

41.15.6. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għat-talba tal-Pulizija li jkun hemm membru tal-Kunsill li jiċċekkja l-gabbani matul l-attivitajiet. Il-Kunsill ma qabilx li għandu jibgħat membru tal-istaff tiegħu minħabba li l-infurzar tal-liġi ma kienx il-kompitu tal-Kunsill iżda tal-Pulizija. Il-Kunsill innota li l-istaff kien jibgħat lista ta' permessi maħruġa kompluta b'mappa fejn suppost jarmaw. Il-Kunsill qabel li sabiex jgħin lill-Pulizija, għandu jitlob lill-applikanti jesebixxu l-permess oriġinali mal-gabbana matul l-attività kif ukoll li jitlob lill-istaff amministrattiv biex is-siteplan tintbagħat ġurnata qabel.

**41.16 LAQGĦA TAL-LOKALITA'**

41.16.1. Is-Sindku għamlet riferenza għal-laqgħa tal-lokalita u qalet li kienu ħarġu punti tajbin ħafna fosthom il-punt dwar il-bankina li hemm nieqsa mad-dawra taċ-Chick King fi Pjazza Robert Samut. Il-Kunsill qabel li għandu jkellem lill-Perit dwar dan sabiex jiġi diskuss x'jista' jsir dwar din il-problema.

**41.17 MALTA PUBLIC TRANSPORT – EMOTO MALTA**

41.17.1. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-korrispondenza mibgħuta mill-Malta Public Transport rigward proġett ġdid bl-isem ta' Emoto Malta. Huma nformaw li kienu ser jipprovdu ammont ta' electric motorbikes madwar Malta li jistgħu jinkrew permezz ta' app tal-mowbajl.

41.17.2. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandu jistaqsi fejn qed jipproponu li jitqegħdu dawn il-motorbikes u jekk hux ser ikun hemm żona apposta għalihom.

41.17.3. Il-Kunsillier VB talab lill-Kunsill sabiex tintbagħat tfakkira lil Transport Malta dwar it-talba tal-Kunsill sabiex il-vetturi privati li jkunu ġejjin minn ħdejn il-Planning Authority jkunu jistgħu iduru direttament lejn Triq Sant'Anna. Il-Kunsill qabel.

41.17.4. Il-Kunsillier JAE talab lill-Kunsill sabiex tintbagħat tfakkira lil Transport Malta rigward il-promozzjoni tal-istops tal-Park n' Ride fil-Floriana. Il-Kunsill qabel.

**41.18 FESTA LITURĠIKA TA' SAN PUBLIJU**

41.18.1. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-festa liturġika ta' San Publju u fakkret li kien ser jinżamm programm ċelebrattiv bħal kull sena.

41.18.2. Is-Sindku qalet li kienet ser tinżamm ukoll esebizzjoni ta' ritratti u fakkret fit-tifkira li kienet ser tingħata lill-Arċipriet tal-Floriana għall-ħatra-l ġdida tiegħu.

**41.19 SAINT PATRICK'S DAY**

41.19.1. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għal-laqgħa li nżammet mas-Sur Mark Grech u s-Sur Anton Attard rigward l-attività ta' St Patrick's Day. Hija qalet li matul din il-laqgħa, huma kienu pproponew li din l-attività tibda tittella' fuq livell nazzjonali u tibqa' tittella' fil-lokalita tal-Floriana skont it-tradizzjoni.

41.19.2. Is-SE qalet li huma kienu pproponew li jsir marketing qawwi u li jkun hemm iktar stands u *live music*. Is-SE qalet ukoll li kienet inġibdet l-attenzjoni tas-Sur Grech u s-Sur Attard li l-prijorità għandha dejjem tingħata lill-għaqdiet u entitajiet kummerċjali lokali.

41.19.3. Is-SE qalet ukoll li huma kienu staqsew jekk il-Kunsill jikkunsidrax li jinkorpora żona oħra ma' Balzunetta bħalma hu l-Fosos u dan sabiex l-attività tkun tista' takkomoda konkorrenza akbar.

41.19.4. Wara diskussjoni, il-Kunsillier JAE ippropona li l-Kunsill jitkellem mas-Sur Grech u mas-Sur Attard sabiex il-bars u l-istands tal-ikel jingħataw kollha lill-Floriana Ajax bi ftehim li l-profitt jinqasam. Il-Kunsill qabel li għandu l-ewwel jiltaqa' mal-Floriana Ajax qabel ma jieħu deċiżjoni finali rigward din it-talba.

**41.20 FESTIVAL TAN-NAR MEKKANIZZAT**

41.20.1. Is-SE informat lill-Kunsill li s-Sur Noel Castillo kien talab lill-Kunsill sabiex jagħmel użu mis-sala tad-Dar tal-Kunsill sabiex tkun tista' tinżamm laqgħa mal-parteċipanti tal-Festival. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

41.20.2. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li kien ser ikun hemm tnax-il kamra tan-nar parteċipanti fil-Festival.

41.20.3. Is-Sindku proponiet li jiġi kkuntattjat xi ħadd li jaħdem biċċa xogħol tan-nar b'mod volontarju sabiex tinħaraq fl-għeluq tal-Festival. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

**41.21 TRAFFIKU U PARKEĠĠ**

41.21.1. Is-Sindku DSH fetħet il-materja billi għamlet riferenza għal dak li qal il-Ministru Ian Borg fejn informa li ser jiġu rinovati l-iskemi ta' parkeġġ.

41.21.2. Is-SE informat lill-Kunsill b'talba mingħand persuna bi bżonnijiet speċjali li talab parkeġġ riservat maġenb l-MSV. Il-Viċi Sindku VB informa li diġà kien hemm parkeġġ riservat għal persuni b'diżabbiltà maġenb l-Istitut Kattoliku u ieħor maġenb il-Knisja Parrokkjali. Is-Sindku DSH qalet li persuna li jkollu l-*blue badge* jkun jista' jipparkja fi spazju ta' parkeġġ normali. Għalhekk il-Kunsill ma qabilx li jilqa' t-talba.

41.21.3. Is-SE għamlet riferenza għat-talba tal-Maltapost. Is-Sindku DSH informat li l-Kunsill kien kiteb lil Transport Malta iżda kien għad m'hemmx risposta. Il-Kunsill qabel li għandu jibgħatilhom tfakkira.

41.21.4. Il-Viċi Sindku VB għamel riferenza għat-tabelli li hemm maġenb Pjazza Papa Ġwanni XXIII u qal li dawn kienu għadhom ma nkixfux. Huwa qal li konsegwenza ta' dan kienet qed tinħoloq konġestjoni. Is-Sindku DSH qalet li dawn it-tabelli ma setgħux jinkixfu qabel ma tingħata approvazzjoni minn Transport Malta. Il-Viċi Sindku VB qal li t-tabelli kienu baqgħu bl-istess mod li kienu żmien ilu cioe' qabel ma sar ir-road surfacing. Is-Sindku DSH wieġbet li xorta waħda il-Kunsill irid jistenna risposta mingħandhom.

41.21.5. Il-Viċi Sindku VB għamel riferenza għad-deċiżjoni tal-Kunsill li jingħata permess ta' parkeġġ lil kull għaqda. Is-Sindku kkonfermat li kull għaqda kienet eliġibbli għal permess wieħed.

41.21.6. Is-SE MLL qalet li riċentement kien hemm każ fejn applikant li allegatament skrapja l-vettura kien ġie biex japplika għal permess ieħor mingħajr ma ppreżenta ċ-ċertifikat li jikkonferma li l-vettura ġiet verament skrepjata. Hija qalet li każijiet bħal dawn kienu joħolqu *loopholes* fis-sistema. Għalhekk il-Kunsill qabel li f'każijiet simili għandu jitlob lill-applikant jippreżenta ċ-ċertifikati u/jew dokumenti li jsostnu t-talba.

41.21.7. Il-Viċi Sindku VB staqsa jekk kienx għad fadal permessi tal-iskema ta' parkeġġ x'jinġabru mill-uffiċċju. Is-Sindku DSH wieġbet li kien għad fadal numru sostanzjali ta' permessi x'jinġabru. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jinforma lill-gwardjani lokali sabiex għal perjodu ta' xahar jibdew iħallu notifika mal-windscreen tal-vetturi li m'għandhomx il-permess-il ġdid qabel ma dawn jibdew jitħarrku. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jtella din l-informazzjoni fuq il-paġna tiegħu ta' Facebook.

**41.22 PROĠETT TAL-ĠNIEN KING GEORGE V**

41.22.1. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li kienet ġiet sottomessa l-applikazzjoni tal-Kunsill għall-Urban Improvement Funds u qalet li kienet qed tistenna l-approvazzjoni. Hija żiedet tgħid ukoll li l-applikazzjoni kienet tinkludi talba għal spejjeż relatati mad-dawl, outdoor gym, bandla għal persuni bi bżonnijiet speċjali, equipment tal-logħob tat-tfal, irranġar tal-piċċ u s-sistema tal-irrigazzjoni.

**41.23 BANKINI ĠODDA**

41.23.1. Is-Sindku DSH qalet li kienet inġibdet l-attenzjoni tagħha għal xi materjal tal-porfido li kien għad baqa'. Il-Viċi Sindku VB qal li l-materjal li fadal kien qiegħed hemm sabiex jintuża għall-bankina ta'

Triq Vincenzo Bugeja iżda din ma setgħetx issir għalissa minħabba x-xogħol li qed isir fi Ġnien l-Argotti.

41.23.2. Il-Kunsillier AD staqsa jekk it-tiswijiet tal-kurduna tal-bankini jsirux mill-Kunsill. Is-Sindku DSH ikkonfermat li dan ix-xogħol isir mill-Kunsill jekk il-bankina in kwistjoni tkun taqa' taħt ir-responsabbilta tiegħu.

## 41.24 ŻIEDA TA' DAWL FIT-TOROQ TAL-FLORIANA

41.24.1. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li kienet ġiet avviċinata minn xi residenti sabiex jiżdied id-dawl fi Triq il-Kapuċċini. Il-Kunsill qabel li għandu jara x'jista' jsir.

41.24.2. Il-Kunsillier AGS u l-Kunsillier JAE staqsew jekk jistax isir xi ħaġa rigward is-sitwazzjoni tad-dawl fi Triq Sant'Anna. Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat lil Transport Malta sabiex jaraw x'jista' jsir.

41.24.3. Il-Kunsillier AGS semma wkoll li kien hemm bżonn jiżdied id-dawl fit-Telgħa tal-Kurċifiss.

## 41.25 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS.

41.25.1. Il-laqgħa intemmet fit-8.00pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 14 ta' Frar 2018 fil-5.00pm.

**Konfermati, illum 14 ta' Frar 2018.**

| | |
|---|---|
| Davina Sammut Hili | M'Lourdes Lautier |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |